MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2015

Citazzjoni Numru. 1055/2013

**Avukat Dr Malcolm Mifsud a nom u in rapprezentanza tal-assenti Jacqueline Purchase**

**vs**

**Jason Micallef**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ l-Avukat Dr Malcolm Mifsud noe (ID 405168M) datat 6 ta’ Novembru 2013 fejn espona:

Illi Edward Grixti missier l-attrici ddispona minn gidu in forza ta' testment tat-2 ta' Lulju 2007, fl-atti tan-Nutar Dr Nicholas Briffa (Dok A) u in forza tieghu nnomina lill-konvenut eredi universali tieghu;

Illi Edward Grixti miet fid-19 ta' Settembru 2012 u billi bid-dispozizzjonijiet testamentarji fuq imsemmija issa jidher illi dawn jilledu d-drittijiet tal-legittima mill-assi tal-missier Edward Grixti li ghandha d-dritt ghaliha l-attrici;

Illi l-attrici trid li tigi assenjata u llikwidata l-legittima spettanti lilha mill-assi ta’ missierha Edward Grixti;

Illi ghal dan il-fini jrid jigi llikwidat il-konsistenza ta' l-assi ereditarju kollu ta' l-istess Edward Grixti kif jirrizulta waqt il-kawza;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex ma ghandux l-attur:

1 Jigi ghall-finijiet tal-legittima llikwidat minn din il-Qorti l-assi ta' l-imsemmi mejjet Edward Grixti konsistenti f’dak kollu li jkun irrizulta spettanti lilha; u

2. Tigi minn din il-Qorti llikwidata l-legittima spettanti lill-attrici skont il-ligi prevja li jsiru l-kollazzjonijiet li eventwalment ikunu necessarji u dana permezz jekk hemm bzonn ta' periti li jigu nnominati;

3. Il-konvenut jigi kkundannat minn din il-Qorti jassenjaw lill-attrici l-istess legittima in natura hekk illikwidata skont il-ligi ghas-saldo tad-drittijiet taghha ta' l-assi ta' Edward Grixti;

4. Jigi nnominat minn din il-Qorti Nutar biex jircievi l-att opportun u nnominati kuraturi biex jirrapprezentaw il-kontumaci.

Bl-ispejjez kollha, inkluz mandat ta' inibizzjoni 809/2013 u bl-imghax skont il-ligi kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-30 ta' Jannar 2014.

Rat illi minkejja li l-intimat giet notifikat bl-avviz fl-24 ta' Marzu 2014 kif jidher *a tergo* ta' fol 18 tal-process, baqa' ma ressaq l-ebda risposta.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-16 ta' Dicembru 2014 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Malcolm Mifsud ghar-rikorrenti u Dr. Victor Bugeja ghall-intimat. Dr. Mifsud iddikjara li ma fadallux provi ohra f' dan l-istadju. Dr. Victor Bugeja nforma lill-Qorti li l-intimat jixtieq jiggustifika l-kontumacja tieghu. Il-Qorti halliet l-kawza ghad-29 ta' Jannar 2015 fid-9:30a.m.biex l-intimat jirregola l-pozizzjoni tieghu; u l-verbal tas-seduta tal-21 ta' April, 2015 fejn meta ssejhet il-kawza deher

Dr. Malcolm Mifsud ghall-atturi u Dr. Victor Bugeja ghall-konvenut prezenti. Dr. Mifsud informa lill-Qorti li m'ghadx fadal possibilita` ta' transazzjoni, u f'dan l-istadju ma fadallux provi ulterjuri. Il-Qorti *in visto* tal-kontumacja tal-intimat halliet il-kawza ghas-sentenza b'dan li tat lill-konvenut il-fakolta` li jaghmel nota ta' sottomissjonijiet fi zmien 21 gurnata minn dan id-digriet bin-notifika tad-difensur tal-kontro-parti li jkollu 21 gurnata ghar-risposta. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-9 ta' Lulju 2015 fid-9:30a.m.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Jason Micallef datata 11 ta' Mejju 2015 a fol 56 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Dr Malcolm Mifsud noe datata 27 ta' Mejju 2015 a fol 58 tal-process.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

B'din il-kawza l-attrici qed titlob sabiex fl-ewwel lok, jigu likwidati u divizi l-beni gja formanti l-assi ereditarju tal-mejjet Edward Grixti, missier l-attrici, u l-assenjazzjoni lill-istess attrici tal-porzjoni rizervata lilha spettanti in natura.

Illi l-konvenut baqa' kontumaci.

**L-ahhar Volonta' tad-Decujus**

Illi bl-ahhar testment tieghu in atti tan-Nutar Dottor Nicholas Briffa,[1] Edward Grixti, li miet fid-19 ta' Settembru 2012, wara li rrevoka u hassar it-testmenti antecedenti tieghu, istitwixxa b'eredi universali ta' gidu kollu lill-konvenut, Jason Micallef. Bl-istess testment, Patrick Grixti, ‘l iben addottiv tat-testatur, gie dizereditat.

Permezz tat-Tieni Artiklu, t-testatur halla b'titolu ta' legat lill-konvenut is-segwenti proprjetajiet:-

(A) - in nofs (1/2) indiviz tas-segwenti:-

i. il-garaxx bla numru li jinsab fi Stadium Street Gzira, kantuniera ma' Gzira Road, Gzira, liema garaxx illum jintuza bhala *store* minn agent tal-birra ta' Farsons;
ii. Il-garaxx bla numru , Gzira Road, Gzira, liema garaxx hu adjacenti ghal garaxx hawn fuq imsemmi taht (i);
iii. Il-*flats* numru wiehed (1) tnejn (2) u erbgha (4) Mary *Flats*' , Stadium Street, Gzira;[2]
iv. Il-*flats* numru wiehed (1), tnejn (2) u tlieta (3) *Eddie's Flats,* Gzira Road, Gzira;[3]
v. Id-dar jisimha *Jacqueline House,* Stadium Street, Gzira;
vi. Id-dirett dominju u c-cens relattiv tal-flat numru tlieta (3) *St Mary's Flats*, Stadium Street, Gzira;
vii. Id-dirett dominju u c-cens relattiv tal-flat numru erbgha (4) *Eddie's Flats,* Gzira Road, Gzira;[4]

---

[1] Esebit a fol 5 u 6 tal-process
[2] Fis-sentenza hawn taht imsemmi bejn l-attrici u missierha, dan il-blokk kien deskritt li jinkludi l-arja wkoll tieghu u l-appartament numru 4 ma kienx imsemmi.
[3] Fis-sentenza hawn taht imsemmi bejn l-attrici u missierha, dan il-blokk kien deskritt li jinkludi l-arja wkoll tieghu.

B - L-intier tas-segwenti u cioe`:-

i. Il-vettura tal-marka Hyundai Accent;
ii. Il-flus kontanti u d-depoziti bankarji kollha.

**Xehdet l-attrici, Jacqueline Purchase**[5] u qalet li tigi bint Edward Grixti. Qalet li kienu saru proceduri legali b'kawza fir-rigward tal-eredita' ta' ommha, li fl-istess proceduri gew stmati l-beni formanti parti mill-assi ereditarju fil-kawza odjerna. Qalet li setghet toqghod fuq l-istimi maghmula f'dik il-kawza skont liema s-sehem tal-legittima jammonta ghal circa sebghin elf ewro (€70,000). Hi xtaqet li tigi assenjata r-residenza tal-familja *Jacqueline House* f'*Stadium Street*, Gzira.

Giet esebita kopja legali tas-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz fl-ismijiet **Dr. Mark Chetcuti bhala prokuratur ta' Jacqueline Griscti v Edward Griscti (Rik. Gur 146/07 AF -** deciza fl-1 ta' Dicembru 2011) (fol2). Dik il-kawza kienet tirrigwarda l-qasma tal-gid komuni bejn l-attrici u missierha li kellu wkoll l-uzufrutt tas-sehem ta' nofs (1/2) appartenenti lil martu premorjenti.

Skont ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku Godwin P. Abela, nominat f'dik il-kawza, datata 14 ta' Mejju 2009, u li kopja tal-istess tinsab esebita a fol. 34-46 tal-atti, jirrizultaw is-segwenti valutazzjonijiet:-

**Jacqueline House, Stadium Street, Gzira** €77,425

**Flat 1 St Mary *Flats*, Stadium Street, Gzira**

(mikri bir-rata ta' €1397.62 fis-sena) €70,000

[4] Dawn ic-cnus ma kienux imsemmija fil-kawza deciza minn din il-Qorti kif diversament presjeduta.
[5] Seduta tal-4 ta' Novembru 2014 a fol 26A *et seq.*tal-process.

| | |
|---|---|
| **Flat 2 St Mary *Flats*, Stadium Street, Gzira** | |
| (mikri bir-rata ta' €1956.67 fis-sena) | €70,000 |
| **Flat 4 St Mary *Flats*, Stadium Street, Gzira** | €90,000 |
| **Warehouse (Rausi Trading) Stadium St.,** | |
| **c/w Gzira Street Sliema** | |
| (mikri bir-rata ta' €10,202.66 fis-sena) | €180,000 |
| ***Flat 1 Eddy Flats, Gzira Road, Gzira*** | |
| *(mikri bir-rata ta' €698.81 fis-sena)* | *€ 51,500* |
| ***Flat 2 Eddy Flats, Gzira Road, Gzira*** | |
| *(mikri bir-rata ta' €465.87 fis-sena)* | €51,500 |
| ***Flat* 3 Eddy *Flats*, Gzira Road, Gzira** | |
| (mikri bir-rata ta' €465.87 fis-sena) | €51,500 |
| **Garaxx bla numru, Gzira Road Gzira** | € 46,500 |
| **Arja Sovstrastanti St Mary *Flats* u** | |
| **Eddy *Flats*** | €350,000 |
| | |
| **Total Valur tal-Komunjoni** | **€1,038,425** |

**Sottomissjonijiet**

**Il-konvenut** issottometta[6] li filwaqt li ma opponiex li l-attrici tithallas il-porzjon rizervata, din ghandha tithallas fi flus kontanti. Huwa qabel li l-

[6] Nota a fol 56-57 tal-process

konsistenza tal-assi kollha gew identifikati fil-kawza 146/07AF li giet deciza definittivament fl-1 ta' Dicembru 2011.

Skont l-**artiklu 616 tal-Kap 16,** is-sehem tal-legittima huwa terz (1/3) mill-gid tad-decujus. Hu jallega li huwa wild naturali tat-testatur u ghaldaqstant is-sehem mhux disponibbli huwa €51,325 billi kien hemm tlett itfal. Dan is-sehem ghandu jithallas fi flus kontanti lill-attrici skont l-ammendi introdotti fis-sena 2004.

L-attrici ssottomettiet [7] li billi huha addottiv Patrick Grixti gie dizereditat minn missierhom, hi biss ghandha d-dritt tal-legittima u qed titlob sehem ta' terz (1/3) indiviz u dan a tenur tal-artiklu 515 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan jammonta ghal €153,975 u mhux €51,325 u titlob li *Jacqueline House* tifforma parti mill-kreditu, billi l-assi jikkonsistu biss f'beni immobbli.

Rigward l-allegazzjoni tal-intimat li hu iben naturali tad-decujus issottomettiet li ma hemm l-ebda att ta' rikonoxximent u lanqas it-testment ma jirrikonoxxi lill-konvenut bhala l-wild naturali tat-testatur.Tant hu hekk li kull darba it-testatur isemmi lill-konvenut, jikkwalifikah bhala *iben Mary Micallef* biss. Ghalhekk tishaq li ghandha tigi assenjata s-sehem riservat kollu.

**Rizultanzi**

[7] Nota a fol 58-59 tal-process

Illi hemm qbil bejn il-partijiet li r-rapport tal-perit Tekniku Godwin Abela nominat fil-kawza ta' divizjoni 146/07AF ghandu jservi bhala l-bazi *ai fini* tal-kalkolu tal-porzjoni rizervata fil-kawza odjerna.

Ma hemmx qbil dwar is-segwenti punti:

1. Jekk il-legittima tispetta lill-attrici in natura jew fi hlas ta' kreditu likwidat;

2. Il-kwota spettanti lill-attrici mill-porzjoni mhux disponibbli ta' terz (1/3) mill-assi, billi l-attrici tikkontendi li hija l-uniku wild u ghalhekk ghandha tircievi t-terz kollu, filwaqt li l-konvenut jikkontendi li d-decujus halla tlett (3) itfal inkluz l-istess konvenut.

**Emendi Introdotti bl-Att XVIII tal-2004**

**Ikkonsidrat li** d-dritt ghall-legittima (**artikolu 615 tal-Kap. 16)** huwa dak il-jedd fuq il-beni tal-mejjet rizervat mil-ligi favur id-dixxendenti tal-mejjet u min mill-mara jew ir-ragel jibqa’ haj. Is-sehem tal-legittima f’dan il-kaz huwa ta’ terz (1/3) tal-valur tal-beni tad-*decujus* u dan peress illi f’dan il-kaz ‘l ulied ma jeccedux l-ghadd ta' erbgha (**artikolu 616 tal-Kap**.**16**). Dan l-istess artikolu jiddisponi li s-sehem riservat jinqasam f’ishma daqsinsew bejn it-tfal li jmisshom minnu. Inoltre jekk ma jkunx hemm ħlief tifel wieħed, dan jieħu waħdu t-terza parti kollha hawn qabel imsemmija.

Skont l-**artikolu 615 tal-Kap 16** kif emendat bl-Att XVIII tas-sena 2004**: -** **"***(2) L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem* riżervat *kontra l-*

*beni tal-mejjet. Imgħaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 għandhom jiġu miżjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni jekk is-sehem* riżervat *jintalab fi żmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta' att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun għadda dak il-perjodu ta' sentejn; Iżda l-Qorti tista', fejn iċ-ċirkostanzi tal-każ hekk jeħtieġu, tiddeċiedi li ma jingħatax imgħax jew tistabbilixxi rata ta' imgħax li tista'*

*tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139."*

**Ikkonsidrat** li għal żmien twil, il-liġi kienet tqis is-sehem riżervat bħala parti mill-ġid tal-mejjet (*quota bonorum*) u mhux bħala sehem mill-wirt tiegħu (*hereditatis portio*) u għalhekk il-leġittimarju ma kienx sempliċi kreditur tal-wirt u lanqas ma kien mistenni li jagħmel tajjeb għad-djun tiegħu (għalkemm l-ammont ta' djun tal-wirt iħallu effett fuq is-sehem tal-leġittima li l-leġittimarju jkollu jedd jirċievi). Il-leġittimarju, għalhekk, ma jitlifx il-jedd għal-leġittima jekk kemm-il darba jirrinunzja għall-wirt, u ma jistax jippretendi dak li jmissu b'leġittima qabel ma jkun irrinunzja għall-wirt[8]. Il-leġittimarju jrid jitlob il-leġittima mingħand min ikun inħatar (jew aċċetta li jkun) werriet, u għandu l-jedd jistenna li l-ġid li minnu jingħata s-sehem riżervat tiegħu ikun għadu fl-istat kif kien jinsab fil-waqt tal-mewt tad-decujus[9].

Illi minn dan kien isegwi li idejalment il-leġittima trid tingħata in natura[10], jiġifieri tkun magħmula minn fost il-ħwejjeġ mill-ġid tal-mejjet li jew jkunu għadhom jagħmlu parti mill-assi tiegħu mal-mewt, jew ikunu ddaħħlu lura fil-wirt jekk il-mejjet ikun matul ħajtu iddispona b'liberalita' minn iżjed minn dak li tagħtih il-liġi.

---

8 P.A. 16.12.1954 fil-kawża fl-ismijiet **Debono vs Licari et** (Kollez. Vol: XXXVIII.ii.620)
9 App. Ċiv. 10.6.1949 fil-kawża fl-ismijiet **Farruġia noe et vs Mintoff noe et** (Kollez. Vol: XXXIII.i.472)
10 P.A. 22.5.1950 fil-kawża fl-ismijiet **Wismayer et vs Wismayer et** (Kollez. Vol: XXXIV.ii.574

Illi minhabba l-emendi li dahlu fis-sehh permezz ta’ l-Att XVIII ta’ 2004, sar tibdil radikali fir-rigward tal-legittima, li issa tissejjah porzjon rizervata, fis-sens li d-dritt hu kreditu tal-valur tal-porzjon rizervata fil-konfront tal-eredita'. B’hekk, tnehha l-kuncett tas-sehem tal- beni tal-mejjet

Inoltre mid-data tal-ftuh tas-successjoni, imghax bir-rata legali jiddekorri fuq il-kreditu jekk il-porzjon rizervata hu mitlub fi zmien sentejn mid-data tal-ftuh tas-successjoni, jew mid-data tan-notifika ta’ ittra ufficjali jekk it-talba issir wara l-imsemmija sentejn. Skont id-disposizzjoni transitorja fl-Att XVIII, dawn l-emendi japplikaw ghal successjonijiet li jsehhu wara li l-provvedimenti relattivi jidhlu fis-sehh (l-ewwel ta' Marzu tas-sena 2005[11]).

Id-decujus miet  fid-29 ta' Settembru 2012 u ma hemmx dubbju li din il-kawża tirrigwardja ftuħ ta’ wirt li sar wara d-dhul fis-sehh tal-emendi imsemmija. Ghalhekk il-ligi applikabbli fil-kaz odjern hija l-ligi bhalissa vigenti li tagmillha cara li d-dritt ghall-porzjoni rizervata huwa kreditu kontra l-eredita'.

Ghaldaqstant l-attrici m'ghandhiex ragun li titlob l-assenjazzjoni *per natura* tas-sehem rizervat izda ghandha dritt li titlob kreditu u anke l-imghaxijiet *stante* li din il-kawza giet ipprezentata fis-6 ta' Novembru 2013, u cioe', *entro* l-perjodu ta' sentejn mid-data tal-ftuh tas-successjoni.

---

[11] L.N. 48 of 2005

**Il-Kwota spettanti lill-Attrici**

L-attrici tippretendi s-sehem rizervat fl-intier billi ssostni li hija l-uniku wild tat-testatur.

Qabel xejn din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni taghha li l-konvenut ma irnexxielux jipprova li hu iben it-testatur.

Skont l-artiklu **87 tal-Kap 16**, wiehed jista' jaghraf lil ibnu tifel imnissel u mwieled barra miz-zwieg fl-att tat-twelid jew b'att iehor pubbliku, qabel jew wara t-twelid. Kull dikjarazzjoni maghmula xort'ohra tista' biss tingieb bhala prova ta' filjazzjoni f'kawza ta' filjazzjoni.

Il-konvenut semplicement jiddikjara li hu gie maghruf mit-testatur fl-ahhar testment tieghu. Izda din l-asserzjoni mkien mhi sorretta minn qari tal-istess testment. Anzi, wiehed jista’ jasal ghall-konkluzjoni opposta ghaliex kull fejn isemmi lill-konvenut, jikkwalifikah biss bhala *bin Mary Micallef.*

Ghalhekk din is-sottomissjoni tal-konvenut ma treggix.

Tibqa' l-kwistjoni jekk it-tifel adottiv tat-testatur, Patrick Griscti, ghandu jinghadd *ai fini* tal-kalkolu tal-kwota spettanti lill-attrici u ghas-sehem li ghandha tircievi. Dwar dan l-attrici wkoll ghandha ragun.

Filwaqt li huha addottiv jinghadd maghha sabiex jitqies is-sehem rizervat (**artiklu 618 (1)**, u allura jitqies li t-testatur halla zewg ulied, sehemu jmur favur taghha bl-applikazzjoni tal**-art.618(2)** li jiddisponi hekk:

*"(2) Bla ħsara tad-disposizzjonijiet tal-artikoli 608 u 626 l-ishma tat-tfal jew dixxendenti oħra li huma inkapaċi, jew li jkunu ġew diżeredati, jew li jkunu rrinunzjaw għal sehemhom, imorru favur it-tfal jew id-dixxendenti l-oħra li jieħdu s-sehem riżervat."*

Ghaldaqstant l-attrici ghandha tgawdi mis-sehem shih ta' terz (1/3) mill-valur tal-assi ereditarju.

**Konsistenza tal-Assi u l-likwidazzjoni tal-Kreditu favur l-Attrici.**

Illi l-liġi taqsam il-ġid tad-disponenti f'żewġ partijiet, waħda disponibbli u l-oħra le. Il-parti mhux disponibbli tiġi matematikament kalkolata a bażi tal-**artikolu 616** u dawk li

jsegwu. ("**Cutajar vs Cutajar"** deċiża mill-Prim Awla fit-3 ta' Ottubru 2003).

Jirrizulta pacifiku bejn il-kontendenti li l-assi ereditarju huma dawk assenjati lid-decujus bil-kawza 146/2007 AF. Dawn ghandhom valur ta' €456,925 u cioe` :-

**Jacqueline House, Stadium Street, Gzira** €77,425

**Flat 1 St Mary *Flats*, Stadium Street, Gzira**

| | |
|---|---|
| (mikri bir-rata ta' €1397.62 fis-sena) | €70,000 |
| **Flat 2 St Mary *Flats*, Stadium Street, Gzira** | |
| (mikri bir-rata ta' €1956.67 fis-sena) | €70,000 |
| **Flat 4 St Mary *Flats*, Stadium Street, Gzira** | €90,000 |
| ***Flat 1 Eddy Flats, Gzira Road, Gzira*** | |
| *(mikri bir-rata ta' €698.81 fis-sena)* | *€ 51,500* |
| ***Flat 2 Eddy Flats, Gzira Road, Gzira*** | |
| *(mikri bir-rata ta' €465.87 fis-sena)* | €51,500 |
| **Garaxx bla numru, Gzira Road Gzira** | € 46,500 |
| | **€456,925** |

Dan jirrizulta mir-relazzjoni addizzjonali peritali addottata minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kawza 146/07 li kopja tieghu hija esebita in atti[12].

Il-vettura, flus u depoziti msemmija fit-testment u mhollija bhala legat lill-konveut ma kienux parti mill-kawza deciza u lanqas tressqu provi dwarhom jew intalab xi stima fil-kawza odjerna. Ghalhekk il-Qorti mhix ser tqieshom *ai fini* tat-talbiet f'din il-kawza.

Billi l-ghadd tal-ulied ma jaqbizx l-erba', is-sehem rizervat huwa terz (1/3) mill-valur tal-assi li jsarraf fi kreditu ta' €152,308 pagabbli fl-intier lill-attrici.

[12] Kopja esebita a fol 47-49 tal-process.

Din il-kawza giet istitwita fi zmien sentejn mill-ftuh tas-successjoni, u ghalhekk l-attrici ghandha l-jedd ghall-imghaxijiet legali fuq il-kreditu taghha.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi fil-kontumacja tal-konvenut, u wara li rat is-sottomissjonijiet tieghu, tiddisponi mit-talbiet attrici skont dan li gej:-

1. **Tilqa' l-ewwel talba attrici u tillikwida** l-assi ta' l-imsemmi mejjet Edward Grixti f'dawk l-assi elenkati fil-kap intestat "**Konsistenza tal-Assi u l-likwidazzjoni tal-Kreditu favur l-Attrici";**

2. **Tilqa' it-tieni talba attrici** u tillikwida is-sehem rizervat spettanti lill-attrici f'kreditu ammontanti ghall-mija u tnejn u hamsin elf, tliet mija u tmien ewro (€152,308);

3. **Tilqa' t-tielet talba attrici** fis-sens li tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attrici is-somma hekk likwidata ta'  mija u tnejn u hamsin elf, tliet mija u tmien ewro (€152,308) flimkien mal-imghaxijiet legali fuq l-istess ammont mid-dsatax (19) ta' Settembru 2012 sad-data tal-pagament effettiv;

4. **Tichad ir-raba' talba** billi s-sehem rizervat qed jithallas f'kreditu.

**L-ispejjez jithallsu mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------